MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 457/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Anthony Sciberras**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Anthony Sciberras ta' 56 sena, bin Anthony u Pauline nee' Bonello, imwieled Paola fl-10 ta' Awwissu 1953, residenti fi 33, Gloria House, Triq Censu Busuttil, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' numru 573453(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, fil-25 ta' Settembru 2008 jew fil-gurnata ta' qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih

jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

F'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Settembru 2008 jew fil-jiem wara, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' sittin ewro (€60) ghad-dannu ta' Citadel Insurance plc;

Sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 13 ta' Ottubru 2004.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Marzu, 2010 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Saret it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw allegata dikjarazzjoni falza maghmula mill-imputat Anthony Sciberras b'referenza ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Settembru 2008 (rapport relattiv inserit a. fol 44 et sequitur tal-atti processwali) fejn l-imputat iddikjara li kien huwa li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JNT 020 tal-marka Peugeot meta habat

mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBP 912 misjuqa minn Carmen Lia. L-incident in kwistjoni sehh fl-24 ta' Settembru 2008 ghall-habta tal-14.40 hrs fi Triq Father Charles Plater, f'Rahal Gdid.

Mill-provi rrizulta li l-Pulizija bdiet tinvestiga l-kaz wara li rceviet kwerela minghand Citadel Insurance plc, l-assikurazzjoni tal-imputat (kwerela relattiva nserita a.fol 16 sa 21 tal-atti processwali) fejn l-imsemmija assikurazzjoni nfurmat lil Pulizija li l-mputat kien ghamel claim rigward l-incident in kwistjoni (ara claim form relattiva nserita a. fol 36 sa 39 tal-atti processwali) fejn kien iddikjara li waqt li kien qed isuq il-vettura JNT 020 baqa' hiereg minn fuq stop sign u baqa' diehel fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBP 912 u accetta t-tort ghall-incident. L-assikurazzjoni ghalhekk hallset lit-third party Carmen Lia, ghad-danni minnha sofferti u l-imputat hallas €55 Excess. Xi ftit xhur wara l-imputat ghamel claim ohra mal-assikurazzjoni tieghu fejn qal li l-vettura tieghu kienet giet misruqa u waqt li l-assikurazzjoni kienet qed tinvestiga din it-tieni claim irrizultalha li fir-rigward tal-incident tal-24 ta' Settembru 2008 kienet it-tifla tal-imputat li kienet qed issuq il-vettura u mhux l-istess imputat. Dan kollu gie kkonfermat mir-rapprezentant tal-assikurazzjoni Dr Edmond Zammit Laferla li xehed waqt l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2010, (a. fol 63 sa 66 tal-atti processwali).
Dan ix-xhud ikkonferma ukoll li l-polza ta' assikurazzjoni mahruga fuq l-imsemmija vettura kienet tkopri bhala driver kemm lill-imputat kif ukoll lil bintu Janet Sciberras li kellha anqas minn 25 sena. Dan kien ifisser li meta ssir claim mill-imputat huwa kellu jhallas eccess ta' €55 filwaqt li meta taghmel claim bintu l-eccess kien ikun ta' €115.

Illi f'dawn il-proceduri xehdet Carmen Lia, (a. fol 89 sa 91 tal-atti processwali) fejn kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami ikkonfermat li meta sehh l-incident tal-24 ta' Settembru 2008 il-vettura li habtet maghha, u cioe dik bin-numru tar-registrazzjoni JNT 020 kienet misjuqa minn tfajla u li din ma kellha lil hadd maghha fil-vettura. Hija gharfet lill-imputat bhala l-persuna li mar fuq il-post madwar nofs siegha wara li sehh l-incident u dan wara li kienet cemplitlu is-sewwieqa l-ohra. L-istess haga giet

konfermata minn Catherine Cassar li kienet passiggiera fil-vettura misjuqa minn Carmen Lia fejn din ix-xhud li xehdet in ezami waqt l-udjenza tat-18 ta’ Novembru 2010 (inserita a. fol 92 sa 94 tal-atti processwali) u in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-4 ta’ Marzu 2011 (inserita a.fol 100 sa 101 tal-atti processwali) ukoll ikkonfermat li l-vettura JNT 020 kienet misjuqa minn tfajla li kienet wahdiha fil-vettura.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda fil-kors tal-investigazzjonijiet maghmula mill-Pulizija huwa kien irrilaxxja zewg stqarrijiet (inserita a. fol 50 sa 57 tal-atti processwali) fejn huwa sostna li kien huwa li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JNT 020 fid-data tal-incident awtomobilitsiku in dizamina.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri, l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 188, dikjarazzjoni falza lil awtorita’ pubblikua, kif ukoll bir-reat ta’ truffa jew frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali u li sar recediv.

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz, l-Qorti jidrilha li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

Irrizulta pruvat mix-xhieda ta’ Carmen Lia u Catherine Cassar li l-imputat ma kienx qed isuq il-vettura JNT 020 fl-24 ta’ Settembru 2008 u li ghalhekk meta huwa qal lil PS 285 li kien hu qed isuq il-vettura kien qed jaghmel dikjarazzjoni falza jew jaghti taghrif falz ghaliex ma hemmx dubju li l-informazzjoni moghtija lis-Surgent kienet intiza ghal awtorita’ pubblika. L-anqas ma hemm dubju li huwa ghamel din id-dikjarazzjoni falza sabiex jikseb vantagg billi jhallas excess anqas stante li kif intqal aktar ‘il fuq l-ammont ta’ eccess li kellu jithallas kien anqas meta is-sewwieq involut fl-incident kien l-imputat u mhux bintu.

Il-Qorti jidrilha li l-fatti ta’ dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta’ truffa izda zgur jinkwadraw ruhhom fir-reat ta’ frodi nnominata stante li ma hemmx dubju li l-imputat ddikjara li kien hu li kien qed isuq il-vettura sabiex ihallas ammont ta’ eccess anqas lill-assikurazzjoni u li ghalhekk huwa ghamel gwadann ta’ €60 ghad-dannu tal-istess assikurazzjoni.

In kwantu jirrigwarda l-addebitu tar-recediva dan jirrizulta ukoll pruvat stante li giet esebita is-sentenza relattiva (a.fol 57 u 58 tal-atti processwali) fejn hemm indikati il-konnotati kollha tal-imputat u ghalhekk ma hemmx dubju li din is-sentenza inghata fil-konfronti tal-imputat fil-kawza odjerna.

Ghal finijiet ta’ piena, l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-ammont involut kien minimu kif ukoll il-fatt li ghalkemm l-imputat huwa recidiv is-sentenza in kwistjoni tirrigwarda reati konnessi ma ksur ta’ regolamenti tat-traffiku u l-Qorti ghalhekk jidrilha li piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 188, 309, 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------